



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14.12.2011
SEG(2011) 1575 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar ċerti miżuri indirizzati lejn il-pajjiżi li ma jikkollaborawx għall-fini tal-
konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

{KUMM(2011) 888 finali}
{SEG(2011) 1576 finali}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar ċerti miżuri indirizzati lejn il-pajjiżi li ma jikkollaborawx għall-fini tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA: X'INHI L-PROBLEMA EŻATTAMENT, LIL MIN TAFFETTWA L-IKTAR U GĦALIEX JEĦTIEĠ LI JKUN HEMM INTERVENT PUBBLIKU?

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar¹ kif ukoll il-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Hut² jitolbu lill-istati kostali u lill-istati li l-flotot tagħhom jistadu għal stokkijiet bħal dawn f'ibħra miftuħa kontigwi sabiex jikkooperaw fil-ġestjoni b'mod responsabbli tal-istokkijiet ta' ħut transżonali u li jpassi ħafna sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom, permezz ta' konsultazzjoni diretta bejniethom jew permezz tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) xierqa.

Jista' jiġri li pajjiż terz jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni tal-istokkijiet ta' ħut transżonali u li jpassi ħafna li l-UE għandha interess fihom, u aktar importanti, li l-attitudni ta' dan il-pajjiż, permezz ta' azzjoni jew ta' ommissjoni, tkun ta' theddida għal sajd eċċessiv. Għalhekk, isir importanti ħafna li jintużaw il-mezzi kollha possibbli biex il-pajjiż ikkonċernat jiġi konvint jabbanduna dik l-attitudni riskjuża inkwistjoni. Jekk il-konsultazzjonijiet abitwali u l-iskambji tekniċi ma jirnexxux, l-implimentazzjoni ta' restrizzjonijiet marbuta mal-kummerċ tista' tkun għażla ċara, iżda l-UE ma għandhiex mekkaniżmu veloċi li jippermetti l-adozzjoni tagħhom f'limiti ta' żmien utli.

Fil-preżent, l-UE qed tiffaċċja t-theddida immedjata tal-isfruttament bla rażan tal-istokk tal-kavalli minħabba l-miżuri ta' ġestjoni adottati mill-Islanda u l-Gżejjer Faroe mingħajr ma tqiesu d-drittijiet ta' Stati kostali oħrajn u dawk tal-UE. Aktar kemm l-UE tkun tista' tirreaġixxi malajr, dawn il-problemi u problemi potenzjali oħrajn jistgħu jiġu trattati b'aktar effiċjenza.

Il-problema tas-sajd eċċessiv minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn pajjiżi terzi taffettwa kważi l-atturi kollha fil-qasam tas-sajd.

¹ [Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar](#) tal-10 ta' Diċembru 1982.

² [Il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Transżonali u tal-ħut li jpassi ħafna](#) (fis-seħħ sa mill-11 ta' Diċembru 2001)

L-industrija tas-sajd, kemm fuq medda ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul: il-kompetizzjoni għas-suq limitat u t-tnaqqis tar-rendiment minħabba n-nuqqas tar-riżorsi tista' twassal għal telf importanti kemm ekonomiku kif ukoll tal-impjiegi.

L-industrija tal-ipproċessar jista' jkollha żieda fid-disponibbiltà tal-provvista tal-materja prima bi prezzijiet baxxi fuq medda ta' żmien qasir, iżda fuq medda ta' żmien medju jew twil din se tbat l-konsegwenzi tat-tnaqqis tal-istokk.

Il-konsumaturi aktarx li ma jibbenefikawx miż-żieda fil-provvista fuq medda ta' żmien qasir. L-effetti fuq il-prezzijiet probabbilment ser jiġu newtralizzati b'żieda fid-dħulijiet u fl-impjiegi fl-industriji tal-ipproċessar u fid-distribuzzjoni. Min-naħa tagħhom, dawn ser iħossu l-effetti tat-tnaqqis fil-provvista fuq medda ta' żmien fit-tul billi jħallsu prezzijiet oġhla.

Kemm fuq medda ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul, l-UE u l-amministrazzjonijiet nazzjonali ser ikunu jidhru li mhux kapaċi jittrattaw il-problema. In-nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi ser jkun rifless fl-istħarriġ tal-opinjoni u dan jista' jkollu riperkussjonijiet importanti f'oqsma oħra ta' politika.

B'difiża għall-interessi ta' dawn l-atturi fuq medda ta' żmien fit-tul, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom responsabbiltà primarja li jirreaġixxu.

2. Analiżi tas-sussidjarjetà: L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata mil-lat tas-sussidjarjetà (Il-ħtieġa għaliha u l-valur miżjud tal-UE)?

L-iskop aħħari tal-istrument intenzjonat huwa li jiġi evitat l-isfruttament bla rażan ta' ċertu stokkijiet ta' ħut transżonali u li jpassi ħafna fil-kuntest tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE, iżda l-istrument intenzjonat (ir-restrizzjoni jew il-projbizzjoni tal-importazzjonijiet) jaqa' fil-kompetenza tal-politika kummerċjali komuni. Iż-żewġ politiki jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE, u għaldaqstant, f'dan il-każ ma japplikax il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3. Għanijiet tal-inizjattiva tal-UE: X'inhuma l-għanijiet prinċipali tal-politika?

L-għan ġenerali tal-politika ta' din l-inizjattiva huwa li tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tal-ħut, li huwa l-għan ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd. L-għan operattiv huwa li ttiprovdi lill-UE bi strument li huwa bbażat fuq il-kummerċ biex jikkontribwixxi għal dak l-għan ġenerali.

4. Għażliet ta' politika: Liema għażliet tqiesu u liema ġew ivvalutati?

Il-ħames għażliet li ġejjin ġew analizzati:

- li ma tittieħed l-ebda azzjoni;
- li jittieħdu miżuri fil-forma ta' strumenti mhux leġislattivi, bħal mekkaniżmi tat-tip "takkuża u tirrifronta" ("blame and shame"), tikketti sostenibbli jew proċeduri diplomatiċi f'diversi forom;
- li l-Politika Komuni tas-Sajd tkun ipprovduta bi strument regolatorju li jippermetti rispons veloċi għall-problema billi jimponi projbizzjoni fuq il-

kummerè ta' prodotti tal-ħut li jkunu ġejjin mill-istokk tal-ħut rilevanti u li l-oriġini tiegħu tkun fil-pajjiż ikkonċernat;

- li jiġu imposti restrizzjonijiet limitati fuq il-kummerè li jkun jinkludi biss prodotti tal-ħut li jistgħu faċilment jiġu identifikati;
- li jinħareġ strument regolatorju li jipprovdi għal "kontromiżuri" b'rispons għal "att ħażin b'mod internazzjonali" li jitwettaq minn Stat ieħor.

5. Il-valutazzjoni tal-impatti: X'inhuma l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali prinċipali ta' kull għażla, partikolarment f'termini ta' benefiċċji (kwantifikati/monetizzati) u ta' spejjeż (inklużi stimi fuq piż amministrattiv), spejjeż oħra ta' konformità u spejjeż oħra ta' implimentazzjoni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi)?

Sabiex jiġu indirizzati aħjar l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali ta' dawn l-għażliet, l-analiżi ta' dawn l-għażliet saret bħala studju ta' każ tas-sitwazzjoni tal-kavalli. Dan il-każ jikkorrispondi għat-tilwima attwali dwar il-ġestjoni tal-istokk tal-kavalli tal-Grigal tal-Atlantiku, fejn l-Islanda u l-Gżejjer Faroe adottaw miżuri mingħajr ma qiesu d-drittijiet ta' Stati kostali oħrajn u pperikolaw is-sostenibbiltà tas-sajd. Id-dejta u l-informazzjoni disponibbli dwar dan l-istokk jippermettu li ssir analiżi komparattiva tal-għażliet li ssemew aktar 'il fuq.

Safejn ikun possibbli, l-analiżi tinkludi simulazzjoni tal-evoluzzjoni tas-sajd fit-tmax-il sena li ġejjin, ibbażata fuq ir-riżultati tal-aktar valutazzjoni xjentifika riċenti tal-istokk. Din kienet tinkludi wkoll stimi ad-hoc tal-piż amministrattiv u kunsiderazzjonijiet oħra dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi possibbli.

Ir-riżultat tal-analiżi wrew li

- L-Għażla 1 (l-għażla li ma tittieħed l-ebda azzjoni) mhijiex aċċettabbli. L-UE għandha taġixxi.
- Filwaqt li azzjoni mhux leġiżlattiva (l-Għażla 2) tista' tgħin b'mod potenzjali f'ċerti każijiet, l-għażla li tittieħed azzjoni legali deċiżiva hija ferm preferuta fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Anke jekk kienet preferuta fi ftit każijiet, din tiġġustifika l-adozzjoni tal-mekkaniżmu legali neċessarju sabiex l-azzjoni tkun tista' verament tiġi implimentata f'dawn il-ftit każijiet.
- Sommarju qasir tal-impatti tal-Għażliet 3, 4 u 5 huma mogħtija fit-tabella ta' hawn taħt:

	l-Għażla 3	l-Għażla 4	l-Għażla 5
L-effetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali	<ul style="list-style-type: none"> • Rkupru rapidu ħafna għal livelli mixtieqa • L-ebda riskju ta' tnaqqis(*) • Tinżamm iċ-ċertifikazzjoni tal-MSK • Fiduċja akbar fil-manijers • Tiġib fil-pagi wara l- 	<ul style="list-style-type: none"> • Bħall-Għażla 3, iżda probabbilment l-effetti jiġi ttardjat 	<ul style="list-style-type: none"> • Bħall-Għażla 3, probabbilment b'mod aktar effettiv

	irkupru • Prezzijiet aħjar għall-konsumaturi •		
	1	2	1
GRAD:			
Piż amministrattiv	Kbir: leġislazzjoni dettaljata ħafna (traċċabilità), monitoraġġ ta' ħafna prodotti	Żgħir: leġislazzjoni aktar sempliċi, monitoraġġ ta' anqas prodotti	Ikbar minn Għażla 1 firxa aktar dettaljata tal-miżuri; leġislazzjoni kontroversjali, monitoraġġ kumpless
	2	1	3
GRAD			
Żvantaġġi ewlenin	<ul style="list-style-type: none"> • Diffikultajiet marbuta mad-determinazzjoni tal-prodotti li jkun fihom l-ispeċi • Evidenza tar-rispett tal-proporzjonalità u l-ekwità tal-miżuri 	<ul style="list-style-type: none"> • L-ebda diffikultà kbira. Aktar faċli li jkun ippruvat ir-rispett tal-proporzjonalità u l-ekwità 	<ul style="list-style-type: none"> • Bħall-Għażla 3, iżda sensiela ta' miżuri aktar kumplessi jiffaċċjaw aktar diffikultajiet kumplessi tal-kompatibilità mal-liġi.
	2	1	3
GRAD			

(*) FI-istudju ta' każ tal-kavalli, tal-SSB li jaqa' taħt il-valur tal-limitu ta' 1.7miot

6. Paragun bejn l-għażliet: Liema hija l-għażla ppreferuta u abbażi ta' liema kriterji/ġustifikazzjoni?

L-effetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali huma marbuta flimkien mill-qrib ħafna u huma simili għat-tliet għażliet; l-unika differenza hija li huwa mistenni li l-Għażla 4 tista' tipproduċi effetti aktar tard, peress li l-miżuri adottati mhumiex iebesin bħal ma huma fl-Għażliet 3 u 5. Madankollu, anqas effikaċja tal-Għażla 4 hija kkumpensata b'applikazzjoni ħafna aktar faċli kemm f'terminu ta' abbozzar tal-leġislazzjoni kif ukoll tal-infurzar proprju. Il-gradi kumulattivi (5, 4, 7) ma jagħtux riżultati drammatiċi li jippermettu jew li tintgħażel inkella li ma tintgħażilx għażla jew oħra.

Barra minn hekk, huwa diffiċli li tkun ġeneralizzata l-analiżi dwar il-kavalli li saret aktar 'il fuq għal każijiet futuri oħrajn. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-Għażla 3 ma tkunx applikabbli f'każijiet fejn l-oġġetti importati magħmula mill-ispeċi inkwistjoni jkunu għaddew minn proċess jew transformazzjoni sostanzjali. F'każijiet oħrajn, il-miżuri tal-kummerċ ma jkunux applikabbli (pereżempju, jekk l-ispeċi inkwistjoni ma jkunx soġġett għall-kummerċ) iżda jkun kemm kamp ta' applikazzjoni biex jiġu adottati kontromiżuri li għalihom ikun hemm nuqqas ta' mekkaniżmu legali tal-UE effettiv.

B'dan kollu li ntqal, ġie konkluż li l-aħjar għażla probabbilment tkun flessibbli biżżejjed biex tassorbi l-vantaġġ prinċipali tat-3 għażliet ta' hawn fuq u tkun kapaċi timminimizza

l-iżvantaġġi u l-ispejjeż amministrattivi tagħhom. Deskrizzjoni possibbli ta' dik l-għażla tkun strument legali tal-UE bil-karatteristiċi li ġejjin:

- (a) Ikun ibbażat primarjament fuq l-Artikolu 207 tat-TFUE. jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll bażijiet oħra jekk il-miżuri previsti ma jkunux marbuta mal-kummerċ.
- (b) Id-deskrizzjoni tal-qasam ta' applikazzjoni tal-istrument għal dan l-eżerċizzju: sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' kooperazzjoni fil-ġestjoni tas-sajd u l-adozzjoni ta' miżuri li jmorru ferm kontra l-prassi ta' skambju internazzjoni komuni u li jheddu s-sostenibbiltà.
- (c) Tiġi stabbilita lista ta' miżuri possibbli li tkun tapplika, minn restrizzjonijiet fuq il-kummerċ għal kontromiżuri ta' natura diversa.
- (d) Jiġu stabbiliti l-prinċipji u l-kriterji prinċipali li għalihom għandhom japplikaw dawn il-miżuri: l-effikaċja, il-proporzjonalità, l-ekwità, il-kompatibbiltà mal-liġi, eċċ.;
- (e) Il-Kummissjoni tingħata poteri implimentattivi biex jiġu applikati l-miżuri x-xierqa għas-soluzzjonijiet xierqa, skont il-kriterji li ssemmew aktar 'il fuq;
- (f) Jiġu stabbiliti mekkaniżmi speċifiċi għall-kontroll mill-Istati Membri skont ir-Regolament ġdid tal-Komitoloġija;
- (g) Jiġu stabbiliti regoli ċari għas-sosensjoni awtomatika jew rapida ħafna tal-miżuri meta Stat li ma jikkooperax ikun adotta miżuri korrettivi xierqa;
- (h) Il-Kummissjoni tkun awtorizzata wkoll biex, meta jkun meħtieġ, toħloq mekkaniżmi ġodda ta' monitoraġġ kull meta daww eżistenti ma jkunux suffiċjenti.

Il-qasam ta' applikazzjoni għandu jeskludi b'mod ċar il-każijiet koperti bil-leġiżlazzjoni tal-IUU u bi strumenti oħrajn. Il-lista ta' miżuri għandha tkun mifruxa b'mod suffiċjentement wiesa' sabiex ma teskludix miżuri ġodda, effettivi u mhux kontroversjali kull meta dawn jiġu introdotti. Il-prinċipji u l-kriterji taħt d) għandhom minflok ikunu stretti ħafna sabiex jiġi stabbilit b'mod ċar il-marġni tal-manuvri għall-Kummissjoni.

7. Monitoraġġ u evalwazzjoni: X'inhuma l-arranġamenti biex jiġu stabbiliti l-ispejjeż u l-benefiċċji reali u l-ksib tal-effetti mixtieqa?

L-għanijiet tal-eżerċizzju kollu (ara taqsima 3) huma li jikkontribwixxi għall-konsegwazzjoni tar-riżorsi tal-ħut u li jwassalhom għal livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli. L-indikaturi li ta' spiss jintużaw biex jiġi monitorjat l-istatus tar-riżorsi tal-ħut huma l-bijomassa tal-istokk riproduttiv (SSB), jiġifieri, l-ammont ta' ħut li jkun lest biex jirriproduċi fil-mument tar-riproduzzjoni u l-mortalità tas-sajd (F), li tindika r-rata li biha l-ħut jitneħħa mill-istokk permezz tal-attività tas-sajd. Jeżistu indikaturi oħrajn li jikkomplimentaw lil dawn u li juru safejn l-attività tas-sajd ma jkollhomx effett fuq l-istokk fil-mira, iżda wkoll fuq ħut jew organiżmi tal-baħar oħra li jinqabdu jew li ssirilhom ħsara b'mod aċċidentali.

Fil-preżent teżisti sistema ferm sofistikata ddisinjata biex tiggarrantixxi monitoraġġ f'waqtu u bbażat xjentifikament. Is-sistema tinkludi l-ġbir tad-dejta dwar l-attività tas-sajd, il-kampjuni u l-ġbir tad-dejta bijoloġika, l-istħarriġ xjentifiku fuq il-baħar billi jintużaw bastimenti tar-riċerka u qafas għall-kollaborazzjoni internazzjonali tax-xjentisti tas-sajd li jippermettilhom jiġbru u jiskambjaw id-dejta u l-informazzjoni, twettiq tal-valutazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut u li jkunu pprovduti pariri xjentifiċi għall-ġestjoni tal-ħut. Fil-każ tal-Grigal tal-Atlantiku, bosta minn dawn l-attivitajiet huma kkoordinati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Jeżistu entitajiet simili għal oqsma oħra tas-sajd tal-interess tas-sajd tal-UE

Il-qafas attwali għall-ġbir tad-dejta għall-analiżi xjentifika³ u l-mandat tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku għas-Sajd jipprovdu wkoll bażi ta' rutina għall-produzzjoni tad-dejta ekonomika utli biex tiġi monitorjata l-prestazzjoni tal-miżuri intiżi b'indikaturi bħar-rendiment ekonomiku, id-dħul finanzjarju tal-flotot tal-UE u d-dipendenzi tagħhom minn wieħed mill-istokkijiet tal-ħut. Is-segwitu tal-importazzjonijiet huwa wkoll xogħol ta' rutina. Għaldaqstant, għalissa ma hemm l-ebda raġuni biex jinħolqu sistemi ġodda jew jiġu rinfurzati s-sistemi eżistenti għall-monitoraġġ tal-istat tar-riżorsi tal-ħut.

³ [Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 199/2008](#) tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd.